

It-Tlieta 15 ta' Novembru 2011

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

EMENDA

Emenda 17**Proposta għal deċiżjoni****Anness – parti I – taqsima I.B – punt 2 – paragrafu 3**

Sistemi nukleari avvanzati: L-effiċjenza mtejba tas-sistemi u l-fjuwils attwali u l-istudji tas-sistemi tar-reatturi avvanzati sabiex tiġi vvalutata r-reżistenza u l-impatti tal-proliferazzjoni potenzjali fuq is-sostenibilità fit-terminu t-twil, inkluż attivitajiet trasversali bażiċi u kruċjali ta' riċerka (bħax-xjenza tal-materjali) u l-istudju taċ-ċellola tal-fjuwil, fjuwils innovattivi u aspetti *tal-immaniġjar* tal-iskart, inkluż il-kompartimentalizzazzjoni u t-trażmutazzjoni tal-użu aktar effiċjenti tal-materjal fissili freatturi eżistenti.

Sistemi nukleari avvanzati: L-effiċjenza mtejba tas-sistemi u l-fjuwils attwali u l-istudji tas-sistemi tar-reatturi avvanzati sabiex tiġi vvalutata r-reżistenza u l-impatti tal-proliferazzjoni potenzjali fuq is-sostenibilità fit-terminu t-twil, inkluż attivitajiet trasversali bażiċi u kruċjali ta' riċerka (bħax-xjenza tal-materjali) u l-istudju taċ-ċellola tal-fjuwil, fjuwils innovattivi u aspetti *tal-immaniġġjar* tal-iskart, inkluż il-kompartimentalizzazzjoni u t-trażmutazzjoni tal-użu aktar effiċjenti tal-materjal fissili freatturi eżistenti. ***L-attivitajiet imsemmija hawn fuq għandhom ikunu mmirati biex isostnu l-Inizjattiva għal Industrija Nukleari Sostenibbli (ESNII), li tnediet waqt il-konferenza dwar il-Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika organizzata mill-Presidenza Belġjana f'Novembru 2010, inkluż id-disinn tad-demonstraturi ewlenin tar-riċerka ASTRID, ALLEGRO, ALFRED u MYRRHA.***

Bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu *I**

P7_TA(2011)0486

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Bejgħ bin-Nieqes u ċerti aspetti tas-Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu (COM(2010)0482 – C7-0264/2010 – 2010/0251(COD))

(2013/C 153 E/31)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0482),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0264/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Novembru 2011, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 91, 23.3.2011, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 84, 17.3.2011, p. 34.

It-Tlieta 15 ta' Novembru 2011

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0055/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ⁽¹⁾;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fil-5 ta' Lulju 2011 (Testi adottati P7_TA(2011)0312).

P7_TC1-COD(2010)0251

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Novembru 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ binieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 236/2012.)

L-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti ***I

P7_TA(2011)0487

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti (COM(2010)0249 – C7-0129/2010 – 2010/0133(COD))

(2013/C 153 E/32)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0249),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0129/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-3 ta' Ottubru 2011, li japprova l-pożizzjoni msemmija, skont l-Artikolu 294(8)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0188/2011),